MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 608/2004

**Saviour Farrugia, bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni TeleMalta**
**Vs**
**Martin Delia (I.D. 826356M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li biha is-socjeta' rikorrenti ippremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia noe kontra Martin Delia (Avviz Nru 905/95 FGC) giet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru, 1995, u fl-istess kawza il-konvenut kien gie kkunddannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' LM 840.84 (tmien mija u erbghin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 686862 li kien installat fil-fond numru 17, Burial Street, Paola, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi is-Socjeta Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre LM 115.14 (mija u hmistax-il lira u erbatax-il centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll LM633.43 (sitt mija tlieta u tletin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' LM1589.41 (elf, hames mija disgha u tmenin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ rikorrenti ghaldaqstant ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta fejn talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat notifikat ma ipprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors;

Rat li r-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa’ t-talbiet tal-istess socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------